MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 101/2012

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Bartolo)**
**Vs**
**Josephine Casha**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Josephine Casha detentrici tal-karta tal-identita` numru 630149 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
Talli fit-8 t'Ottubru, 1999 gewwa l-Belt Valletta kkommettiet serqa ta' LM 560 fi flus minn gewwa l-Branch tal-Mid-Med Bank li jinsab gewwa Triq Merkanti, Valletta ghad-detriment tal-kumpanija Mid-Med Bank Ltd, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-lok;
U aktar talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-8 t'Ottubru, 1999 u fil-granet ta' qabel, xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira izda anqas minn elf lira, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew,

xjentement kull mod li tkun indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxiehom;
Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi kisret il-provvediment ta’ l-artikoli 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata it-28 ta’ Mejju, 1999 mill-Magistrar Apap Bologna u li saret definittiva, giet ikkundannata ghal liberta` bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Frar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 261(c)(e), 267, 269, 279(b), 280, 281, 334, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, u l-artikoli 5, 9, 10 u 12 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannataha ghal piena karcerarja ta’ sena w nofs.

Illiberataha mill-effetti ta’ l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu qisitu bhala wiehed alternattiv ghal dak ta’ serq.

Rat ukoll illi hija kkommettiet dan ir-reat ftit xhur wara li kienet giet moghtija “conditional discharge” fuq sensiela ta’ serq.

Rat ghalhekk l-artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta u regghet qeghdietha taht l-istess ordni ghal zmien sentejn, cioe` liberazzjoni kundizzjonata skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w kkundannataha ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €286.03.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-1 ta’ Marzu, 2012, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja tar-ricettazzjoni ghaliex minnha mhux qed isir appel u tirrevokaha ghal kumplament u fi kwalunkwe kaz tirriformaha l-piena illi hija aktar indikata ghall-kaz tenut kont tac-cirkostanzi kollha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

L-Ewwel Aggravju

Skont l-abbli Difensur ir-reat konfigurabbli kien biss tar-riċetazzjoni mil-liema reat l-appellanti kienet illiberata u li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta sabet lill-appellanti ħatja ta' serq.

Din il-Qorti fliet l-atti u sabet dawn il-provi.

L-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija tal-appellanti minħabba diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali dwar stqarrijiet magħmula mingħajr assistenza tal-avukat. Illum l-aħħar deċiżjoni Kostitutuzzjonali li kien hemm dwar dan il-punt fit-8 t'Ottubru 2012 kienet differenti mid-deċiżjonijiet ta' qabel. (Ara: Is-sentenza Charles Steven Muscat versus Avukat Ġenerali). Meta din il-Qorti qrat sew l-istqarrija a fol 20 u 21 kulma sabet kien li l-appellanti qalet li tassew kienet marret il-Bank HSBC fil-jum ta' qabel sabiex tagħmel il-cash link. Qalet ukoll li f'mument minnhom kienet waħidha waqt li l-kaxxiera kienet qed tagħmel fotokopja. Skont l-appellanti, wara marret tixtri qasrija u rritornat id-dar. Imkien fl-istqarrija ma hemm xi ammissjoni. Anzi hija qalet li l-flus li kienu sabu waqt it-tftittxija, li kienet saret il-jum ta' qabel, kienu tagħha. L-istqarrija lanqas biss hija iffirmata.[1]

Għalhekk il-Qorti ma tistax toqgħod fuq l-istqarrija bħala prova dwar l-ewwel imputazzjoni.

Fil-qosor, il-provi l-oħra jikkonsistu f'dan li ġej:

(1) Ix-xhieda tal-Ispettur Noel Cutajar li t a rendikont tal-fatti. Claudia Tanti kienet qed taqdi lill-appellanti. Wara li marret lura f'postha hekk kif ħadet il-fotokopja tal-Identity

[1] Ara fol 89 – ix-xhieda ta' WPC 43 Jacquelin Chapel bħala xhud tal-istqarrija.

Card tal-appellanti ma sabitx lill-appellanti fil-post. Minflok hija sabet kwantita' kbira ta'flus (Lm570) nieqsa.

Kienet prattika tal-bank li jħallu 'decoy money' (f'dan il-każ mitejn lira) li kellhom in-numru tas-serje wara xulxin.

Saret tfittxija filgħaxija stess fid-dar tal-appellanti u taħt is-saqqu tal-kamra tas-sodda nstabu kwnatita' ta' Lm2 bin-numru tas-serje wara xulxin. Dawk in-numri kienu jaqblu ma' dawk tal-bank. Filfatt kien sar iċċekkjar apposta biex ikun stabbilit li tassew jaqablu. Tliet żewġ lirijat biss ma nstabux mis-sett li sabu taħt is-sodda. Skont l-appellanti hija kienet iġġemma' l-flus bin-numru tas-serje wara xulxin. Dwar flus oħra hija qalet li dak kien il-bilanċ li fadlilha mir-relief.

(2) Claudia Tanti għarfet lill-appellanti. Hija kienet marret tagħmel fotokopja tal-ID tal-appellanti. Hija kienet għalqet il-kexxun iżda ma sakkritux. Wara li sar l-iffotokopjar tal-ID Card, li ħa madwar minuta, hija rritornat u tat l-ID card lill-appellanti.

Waqt li l-appellanti kienet ħierġa mill-bieb marret tiġri fuqha l-Manager, Marilyn Bottilieri, u qaltilha biex tiċċekkja l-kexxun għax il-klijenta kienet missitilha l-kexxun. Mal-ewwel sabu Lm560 neqsin. [2]Il-flus decoy kienu taż-żewġ liri Maltin. Sabet nieqsa t-tenners u d-decoys. Hija kienet tat is-serial number tad-decoy money li kienu fil-pussess tagħha lis-Security Officer.

(3) Marylin Bottillieri xehdet li minn fejn id-desk tagħha setgħet tara l-floor kollu u semgħet kexxun jingħalaq. Għolliet rasha u rat mara ddur minn ħdejn desk tal-Multi Service Point fejn kienet Claudia Tanti. Din kienet wara d-desk nnifsu u imbagħad marret lura f'postha. Eżatt kif ħarġet l-appellanti, maru għaddew il-flus u sabuhom in-nieqes. Hija ħarġet tinforma lil xi pulizija li kienu qegħdin fuq il-Monti. Mit-till tagħha Claudia Tanti kellha nieqes cash bħala cash u d-decoy money inkluż.

---

[2] Ara wkoll ix-xhieda tal-Manager Mario Bartolo a fol 29 li tikkonferma li kienu nsterqu Lm560.

(4) PS 845 Peter Cini kien għamel it-tfittxija flimkien ma' WPC 168 Sharon Briffa (ara fol 55) u PC 835 Charles Grech u kien eleva 97 karta taż-Lm2 li kienu enumerati wara xulxin, sitt karti tal-Lm10 u xi karti oħra ta' żewġ liri , xi ħaġa żgħir russa u Taljan.

(5) Is-sentenza mogħtija fit-28 ta' Mejju 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Josephine Casha' fejn l-appellanti kienet liberata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn. (fol 62) bħala first time offender.

(6) Ix-xhieda ta' PS 1336 Jesmond Micallef u PC 1261 Charles Pace li kienu esperti maħturin fl-inkjesta. Il-Qorti eżaminat ir-ritratti fejn f'wieħed minnhom jidher għadd kbir ta' żewġ liri Maltin.

(7) L-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli (fol 111) **fit-28 ta' Ġunju 2002**.

Ikkonsidrat

Illi in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni – l-akkuża ta' serq - l-Qorti qieset dawn il-fatturi:

(i) M'hemmx dubju li l-appellanti kienet il-bank HSBC fil-jum meta seħħet is-serqa; kienet quddiem ix-xhud Claudia Tanti; u li dan illargat minn fejn kienet sabiex taqdi lill-appellanti billi tieħu fotokopja tal-ID card tagħha.

(ii) Illi l-appellanti ntlemħet wara l-kexxun tal-iskravan minn impjegata tal-bank li kienet fuq il-post u semgħet il-kexxun jingħalaq.

(iii) Li l-għadd tal-flus sabiex ikun stabbilit x'hemm nieqes sar dak il-ħin stess.

(iv) Li naqsu flus kontanti magħrufa bħal decoy money - serie ta' żewġ liri Maltin - li nstabu fid-dar tal-appellanti.

(v) Illi t-tfittxija fid-dar tal-appellanti saret fl-istess ġurnata.

Għalhekk ir-rabta bejn l-appellanti u s-serq tal-flus hija ċarissima. L-evidenza ċirkostanzjali hija univoka għax tipponta lejn l-appellanti biss.

Mil-lat ta' liġi l-elementi tas-serq huma kollha hemm: iċ-ċaqliq tal-oġġett (il-flus) minn post għal ieħor jew il-kontrattazjo; li l-oġġett kien ta' ħadd ieħor (f'dan il-każ il-bank); magħmul/a b'mod frawdolenti – f'dan il-każ l-appellanti ħatfet l-okkażjoni malli l-impjegata marret taqdieha u kienet taf u riedet li tieħu xi ħaġa li mhux tagħha; mingħajr il-kunsens tas-sid – dan il-kunsens żgur ma ngħatax għax is-sid ħa passi biex jiġbor ġidu; animo lucrandi – m'hemmx dubju li l-iskop kien li l-appellanti tistagħna.

Iż-żewġ gravanti (a) tal-ammont (aktar minn Lm100 Maltin) u (b) tal-lok – post fejn isr jxi depożitu jew rahan jirriżultaw ampjament.

Dwar li l-appellanti kisret il-liberta' kundizzjonata b'sentejn. Dan huwa ppruvat mis-sentenza li ngħatat fit-28 ta' Mejju 1999 waqt li r-reat ta' serq twettaq fit-8 t'Ottubru 1999. Allura s-sentejn kienu għadhom m'għaddewx.

Għal din ir-raġuni l-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.

It-Tieni Aggravju. –Il-Piena.

Fil-qosor l-appellanti tissottometti li l-każ dam ħafna u li l-fedina penali tagħha turi minn dak in-nhar sa llum ma reġgħetx kisret il-liġi.

Ikkonsidrat

Dwar it-tul taż-żmien, l-appellanti rreferiet għas-sentenzi tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ġewwa Strasbourg. Iżda dawn, bħala regola, jagħtu jew 'just satisfaction' jew xi ftit tal-flus iżda qatt ma kien hemm xi ordni biex titnaqqas jew tinbidel xi piena.

L-Ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lill-appellant għal sena u nofs priġunerija dwar l-ewwel imputazzjoni. Dan huwa qrib il-minimum għaliex bl-applikazzjoni tal-artikoli 279(a) u 280(1) tal-Kap 9 – minħabba ż-żewġ aggravanti – allura l-minimum possibbli kien 16-il xahar u terz.

Id-difiża tissottometti li minn dak in-nhar sa llum jirriżulta mill-fedina penali aġġornata li l-appellanti qatt ma wettqet xi reat ieħor. Biss jibqa' l-fatt li dan ir-reat twettaq fi żmien meta l-appellanti kienet għadha kif ingħatat sentenza fejn, flok kienet ikkundannata, kienet ingħatat sentenza b'kundizzjoni għal sentejn. L-artikolu 28 A (7) (ċ) tal-Kap 9 jipprekludi lil din il-Qorti milli tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża.

Għal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni dwar il-ksur tal-liberta' kondizzjonata, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet li terġa' tqiegħed lill-appellanti taħt l-istess ordni liema sentejn kellhom jibdew minn meta ingħatat is-sentenza. [3]

## Konklużjoni

**Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar 2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Josephine Casha' fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-ewwel imputazzjoni u tal-ksur tal-kondizzjoni imposta bis-sentenza tat-28 ta' Mejju 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Josephine Casha', fejn l-Ewwel Qorti reġgħet qegħdet lill-appellanti taħt l-istess ordni għal żmien sentejn – b'dan pero' li s-sentejn jibdew għaddejin mid-data ta' din is-sentenza u fejn illiberata mit-tieni imputazzjoni għax din l-imputazzjoni tqieset bħala alternattiva għall-**

[3] Li għal dak li jirrigwarda ksur tal-Kap 446 (qabel il-Kap 152), il-ġudikant huwa pprojbit mill-istess Liġi li jerġa' jagħti ħelsien kundizzjonat ieħor għal sentenza fejn ikun ingħata tali ħelsien kundizzjonat. Li jrid isir huwa li tkun komputata l-piena fis-sentenza li ngħatat qabel u jkun applikat l-artikolu 17(b) tal-Kap 9. Dak li jirriżulta jingħadd mal-komputazzjoni għall-piena tas-sentenza 'l-ġdida.' Fuq dan il-punt ma sar ebda appell mill-Avukat Ġenerali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali hija prekluża milli żżid il-piena meta l-appell ikun sar mill-imputat,

**imputazzjoni dwar is-serq u fejn ikkundannata tħallas l-ispejjeż peritali li jammonataw għal €286.03.**

**Il-Qorti wissiet lill-appellanti dwar il-konsegwenzi jekk hija twettaq xi reat ieħor fil-perjodu ta' sentejn mil-lum u dan ai fini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 (qabel l-artikolu 9 tal-Kap 152);**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------